# DEĊIŻJONIJIET
# TAL-QRATI SUPERJURI
# TA' MALTA
## L-EWWEL PARTI
## QORTI TA' L-APPELL
## L-EWWEL SEZZJONI — AWLA ĊIVILI

**7 ta' Jannar, 1957**

**Imħallfin:—**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D., A/President;**
**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**
**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

**Dottor Vincent Tabone et. ne.**

*versus*

**Onor. Domenico Mintoff, B.Sc., A. & C.E., M.A. (Oxon), ne. et.**

**Inkjesta Governattiva — Azzjoni — Interess — "Medical Board" — "Medical Officers' Union" — Provi — Dokumenti — "Files" Dipartimentali — Art. 92A. tal-Kap. 51**

*Huwa ormaj prinċipju magħruf illi, biex wieħed jistitwixxi azzjoni, hemm bżonn li jkollu nteress. U dan l-interess, biex ikun skond il-liġi, jeħtieġ li jkun, fost ħwejjeġ oħra, dirett u personali. Għalhekk mhux biżżejjed li jkun hemm interess ġeneriku, bħal ta' min jaġixxi biex il-liġi tkun osservata. Għalhekk ukoll mhux biżżejjed l-interess fi klassi professjonali jew assoċjazzjoni ta' persuni, biex il-professjonista jew assoċjat ikun jista' legalment jaġixxi quddiem it-tribunali.*

*Huwa magħruf ukoll illi l-interess għandu jkun attwali, jiġifieri li jkun jeżisti fil-mument li tiġi istitwita l-azzjoni; u jrid ikun leġittimu u konkret, u mhux biżżejjed li jkun eventwali jew astratt.*

*B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, ġie ritenut illi l-"Medical Officers' Union", bħala tali, ma għandhiex interess legali li tipproponi azzjoni biex tiġi dikjarata illegali inkjesta magħmula mill-Gvern dwar il-*

*kondotta ta' tabib li hu membru ta' dik l-"Union"; għax ma jittrattax minn leżjoni u difiża ta' dritt spettanti lil dik l-"Union" "ut sic". U lanqas jista' jingħad li l-"Union" qegħedha tirrappreżenta lit-tabib involut fl-inkjesta, meta dak it-tabib huwa attur huwa wkoll fl-istess kawża, jew huwa preżenti f'dawn il-Gżejjer. Għalhekk jonqos ukoll fl-"Union" l-attwalità tal-interess. L-interess tal-"Union" f'azzjoni simili huwa biss teoriku; imma dan l-interess ma joħloqx dak l-interess ġuridiku li jilleġittima l-azzjoni, bħala li mhux bażat fuq dritt soġġettiv li attwalment min jaġixxi jkollu bżonn tat-tutela ġudizzjarja tiegħu. U xejn ma jiswa li l-kawża tista' tkun ta' vantaġġ lill-klassi medika li l-"Union" tirrappreżenta u tiddefendi; għax dan il-vantaġġ, waħdu, mhux biżżejjed biex jirradika l-interess skond il-liġi.*

*Jekk uffiċjal governattiv jiġi msejjaħ biex jixhed f'kawża, hu jista' jixhed, u jista', jekk irid, ma jixhedx fuq informazzjonijiet li kellu minn dokumenti dipartimentali tal-Gvern; u jista' liberament jirrifjuta li jeżibixxi dawk id-dokumenti. Għax il-liġi tagħtieħ dan id-dritt, u ma hemm ebda vjolazzjoni tal-liġi proċedurali billi hu jsemmi l-fil*z*i dipartimentali mingħajr ma jeżibihom. X'tiswa u ma tiswiex dik id-depożizzjoni tiegħu, mbgħad, għall-konvinċiment tal-ġudikant, hija kwistjoni ta' kredibbilità; u xejn iżjed.*

*Kwantu għall-azzjoni, in kwantu proposta mit-tabib involut fl-inkjesta ordnata mill-Gvern, hu veru li l-Liġi Sanitarja tagħti lill-Board Mediku l-awtorità li jistħarreġ in-nuqqasijiet allegati li saru minn membri tal-professjoni medika, u tfisser il-proċedura li fuqha titmexxa l-istħarriġa, kif ukoll il-pieni dixxiplinari li dak il-Board jista' japplika, jekk ikun il-każ; iżda dan ma jfisserx illi l-Pulizija ma tistax tagħmel investigazzjoni għal xi skop leġittimu ieħor, jew li l-Gvern ma jistax per mezz ta' inkjesta jaċċerta ruħu minn xi fatti ta' interess publiku għall-amministrazzjoni, biex jirregola ruħu fuq kif għandu jimxi rigward tagħhom u rigward l-impjegati tiegħu. Din il-fakoltà tal-Gvern ma ġietx minsusa mill-emenda li saret fil-Liġi Sanitarja, ħlief għall-finijiet tat-teħid tal-miżuri fuq imsemmijin, li huma ċertament miżuri dixxiplinari tal-professjoni.*

*L-esklużiva kompetenza tal-Board tat-Tobba ġiet attribwita biss għall-iskop imsemmi fil-Liġi Sanitarja, u xejn iżjed, mentri l-Gvern jista' jkollu nteress jinvestiga l-fatti għal skopjiet oħra leġittimi; u l-Pulizija*

*tista'. anzi għandha d-dmir, li tinvestiga sewwa l-fatti meta dawn jinteressaw ukoll il-Kodiċi Kriminali. Din l-investigazzjoni ċertament ma tiswiex għall-finijiet tal-Liġi Sanitarja; iżda b'daqshekk mhix illegali, għax ebda liġi ma tivvjetaha, lanqas indirettament, speċjalment meta tirrigwarda l-kondotta tal-impjegati pubbliċi.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-atturi, wara li ppremettew illi l-konvenuti, jew min minnhom, ordnaw li ssir investigazzjoni fuq ċertifikati rilaxxjati minn Dr. Albert Fenech, wieħed mill-membri tal-"Medical Officers' Union", li jeżerċita l-professjoni tiegħu tant bħala tabib distrettwali kemm bħala tabib privat fis-Siġġiewi, u dan billi qegħdin isejħu lill-pazjenti tiegħu u jistaqsuhom fuq ċertifikati rilaxxjati lilhom; u illi dina l-investigazzjoni saret u qegħedha ssir minn membri tal-Pulizija, li jsejħu n-nies fl-Għassa tal-Pulizija tas-Siġġiewi jew fid-dar tal-istess pazjenti; illi dina l-investigazzjoni hija kuntrarja għall-liġi, u speċjalment kontra d-dispożizzjoni tal-art. 77 (a) tat-Tieni Liġi Sanitarja, kif emendata fis-sena 1944; wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, talbu li jiġi dikjarat u deċiż, għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-investigazzjoni fuq imsemmija hija illegali, u konsegwentement il-konvenuti jiġu inibiti li jkomplu din l-investigazzjoni. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine, li biha huma ssottomettew illi huma ma għandhom ebda relazzjoni mal-"Medical Officers' Union" li tista' qatt konċepibbilment tifforma bażi għad-domanda odjerna; l-azzjoni tal-Gvern, li fuqha qegħedha tiġi bażata l-pretensjoni infondata tal-atturi, żgur li bl-ebda mod ma jista' jinħaseb li tilledi xi dritt tal-"Union" bħala tali; għaldaqstant l-atturi kollha li qegħedin jidhru bħala komponenti l-Kumitat tal-imsemmija "Union", ma għandhomx interess ġuridiku u ebda "locus standi" f'dan il-ġudizzju; u fi kwalunkwe każ id-domanda hija għal kollox infondata fid-dritt, u għandha tiġi miċħuda; bl-ispejjeż;

U aktar tard il-konvenuti ċċaraw l-eċċezzjoni fil-meritu fis-sens illi l-istanza mhix sostenibbli, billi l-investigazzjoni li qegħedha ssir qegħedha ssir skond il-liġi;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 ta' Ġunju 1956, li biha dik il-Qorti laqgħet il-preġudizzjali tal-konvenuti, u ċaħdet it-talba tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom; billi dik il-Qorti kkunsidrat, dwar il-preġudizzjali opposta mill-konvenuti;

Illi huwa ormaj prinċipju magħruf illi, biex wieħed jistitwixxi azzjoni, hemm bżonn li jkollu nteress; u dan l-interess, biex jkun skond il-liġi, jeħtieġ li jkun, fost ħwejjeġ oħra, dirett u personali; għaliex, kif jinnota Mattirolo, "tranne i casi eccezionali in cui vedemmo ammessa l'azione popolare, non è ammesso stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio o di persona che esso legalmente rappresenta" (Diritto Giudiziario, Vol. I., para. 55). Għalhekk mhux biżżejjed li jkun hemm interess ġeneriku, bħal ta' min jaġixxi biex il-liġi tkun osservata; difatti, kif esprima ruħu l-Consiglio di Stato fil-kawża "Torsa contro Prefetto di Genova", deċiża fis-27 ta' Ottubru 1905, "l'interesse generico che può avere ogni cittadino a che siano osservate le leggi e bene amministrata la cosa pubblica, non può costituire il substrato di un ricorso alla Quarta Sezione, il quale presuppone invece la lesione di un interesse proprio del ricorrente" (v. Giurisprudenza Cod. Proc. Civ. Ital. a cura Professor Messina ed altri, art. 36, no. 460). Għalhekk, ukoll, mhux biżżejjed l-interess fil-klassi professjonali jew assoċjazzjoni ta' persuni, biex il-professjonista jew assoċjat ikun jista' legalment jaġixxi quddiem it-tribunali. "Non può dirsi giuridicamente basato un ricorso alla Quarta Sezione, prodotto da chi non ha interesse diretto nella vertenza e dichiara invece di ricorrere solo nell'interesse della dignità professionale" (op. ċit., art.36, para.458). Konsegwentement, il-Mortara jeskludi dak l-interess meta si tratta ta' sempliċi "offese sofferte negli interessi del ceto o della casta a cui si appartiene" (Manuale della Procedura Civile, Vol. I. para. 40, ediz. 1921);

Illi dawn il-prinċipji jinsabu adottati wkoll mill-Qrati Tagħna (Kollez.XXXIV-II-453), li f'każ tipikament analogu eskludew l-interess f'negozjant li jitlob dikjarazzjoni ġudizzjarja fis-sens li l-kopja-kummissjoni li ma tkunx iffirmata mhix suġġetta għall-liġi tal-boll (Kollez.XXV-I-506); u dana non ostante li l-attur, bħala negozjant, kien jista' jirrikava, anki huwa stess, ċertu vantaġġ minn dik id-dikjarazzjoni;

Illi huwa magħruf ukoll illi l-interess għandu jkun anki attwali, jiġifieri, fil-kliem ta' Mattirolo, "che esista al momento in cui si propone l'azione" (op. ċit., para 47). U billi jrid ikun hemm leżjoni ta' dritt, dina biss toħloq l-interess f'min isofriha li jaġixxi għar-rikonoxximent ta' dak id-dritt. Huwa għalhekk li l-interess irid ikun leġittimu u konkret, u mhux biżżejjed li jkun eventwali jew astratt — "soltanto un interesse attuale e concreto, e non un interesse contingibile ed eventuale, può legittimare la domanda giudiziale" (Giurisp. ċit., art. 36, para. 961). F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (Kollez.XXXIV-II-453, u XXXVI-I-127);

Illi meta jiġu applikati dawn il-prinċipji għall-każ taħt eżami, wieħed ikollu ineluttabbilment jikkonkludi li l-atturi, bħala rappreżentanti tal-"Medical Officers' Union", ma għandhomx, bħala tali, interess li jippromwovu din il-kawża. Difatti, ma għandhomx fiha interess dirett u personali, għaliex non si tratta ta' leżjoni u difiża ta' dritt spettanti lill-"Union" "ut sic"; lanqas jista' jingħad li l-"Union" qegħedha tirrappreżenta wkoll l-interess tat-Tabib Albert Fenech bħala wieħed mis-soċi, għaliex, apparti l-fatt li dan it-tabib qiegħed jaġixxi huwa stess f'ismu proprju, jekk din ir-rappreżentanza għandha tiftiehem fis-sens ta' mandat, din mhix ammissibbli, għaliex ir-rappreżentat jinsab f'dawn il-Gżejjer (art. 1968 Kod. Ċiv.), u għalhekk jonqos ukoll fl-"Union" l-attwalità tal-interess;

Illi xejn ma jiswa, bħal ma ġie sottomess, li l-kawża tista' tkun ta' vantaġġ lill-klassi medika li l-"Union" tirrappreżenta u tiddefendi; għaliex dan il-vantaġġ, waħdu, kif

ġie fuq rilevat, mhux bizzejjed biex jirradika l-interess skond il-liġi;

Illi, kieku kienet vera t-teżi tal-"Union", wieħed jista' jipprospetta l-ipotesi li taġixxi l-"Union" biss anki jekk it-tabib interessat ma jiċċaqlaqx — ħaġa dina żgur legalment inammissibbli;

Illi, għaldaqstant, il-preġudizzjali tal-konvenuti hija sostnuta, u jistħoqqilha tiġi milqugħa;

Illi, fil-meritu, l-atturi jippretendu illi l-investigazzjoni in kwistjoni hija kuntrarja għall-liġi, u speċjalment kontra d-dispożizzjoni tal-art. 77(a) (recte 92A.) tat-Tieni Liġi Sanitarja, kif emendata mill-Ordinanza nru. I tal-1944. Il-konvenuti, mill-parti tagħhom, fil-waqt li jikkontestaw din l-illegalità, iddikjaraw illi l-investigazzjoni kienet tirrigwarda mhux biss iċ-ċertifikati rilaxxjati mill-attur Dr. Albert Fenech, imma anki l-kondotta professjonali tiegħu in ġenerali bħala impjegat tal-Gvern (ara verbal fol. 16);

Illi mill-provi rriżulta illi meta saret l-aħħar elezzjoni ġenerali, xi sena n nofs ilu, il-P.S. Frank Calleja kien irċieva rapport li xi nies kienu qegħdin jużaw il-formola stampata taċ-ċertifikati u jimlewhom mingħajr ma jkunu ġew imħollija mit-tabib, almenu rigward l-isem tal-persuna nteressata. B'dan hu kien għarraf lill-attur Dr. Fenech, peress li kien fihom l-inizjali tiegħu. L-imsemmi Calleja kien irriferixxa r-riżultat ta' intervista li kellu ma' Dr. Fenech lill-Ispettur Spiteri tas-Siġġiewi, u mbgħad ma jafx x'kien sar. Fil-bidu ta' Mejju tas-sena korrenti, l-Ispettur tal-Pulizija William Moran ġie nkarikat mill-konvenut De Gray biex jivverifika madwar 69 ċertifikat rilaxxjati minn Dr. Fenech; kwantu għal 20 minnhom dwar iċ-ċirkustanzi li fihom ġew rilaxxjati, u kwantu għall-oħrajn anki dwar l-identità tal-persuni fihom indikati. Huwa, fl-istess okkażjoni, ġie mill-istess konvenut imqabbad biex jagħmel rigward Dr. Fenech investigazzjonijiet oħra, fosthom dwar il-mediċini minnu tal-volta preskritti (fol. 24). Biex jaqdi dan l-inkariku, l-Ispettur Moran interroga bosta nies, ħadilhom f'xi każi anki "statements" bil-miktub, kien jirriferixxi kulljum lill-konvenut

De Gray dak li jkun sar (fol. 43), u meta spiċċa x-xogħol li kellu jagħmel bagħat ir-rapport ta' kollox (fol. 73);

Illi l-atturi jsostnu li, almenu rigward iċ-ċertifikati, l-investigazzjoni mill-Pulizija saret illegalment, għaliex kien imissha saret mill-"Medical Board", li waħdu kellu l-poter jagħmilha, skond l-art. 92A. fuq ċitat. Mill-provi jirriżulta li, wara li l-liġi kienet ġiet emendata, u preċiżament mis-sena 1945 'l-hawn, kienu ġew quddiem dak il-Board għaxar każi in konnessjoni ma' ċertifikati tat-tobba, u, barra minn każ wieħed li kellu x'jaqsam mal-istess Dipartiment tas-Saħħa, il-każi l-oħra kienu ġew rapportati lill-Board minn dipartimenti oħra, kompriż wieħed mill-Pulizija tad-Dockyard. Irriżulta soddisfaċentement li dawk id-dipartimenti kienu jagħmlu investigazzjoni tal-każ, jisimgħu x-xhieda, xi drabi jeħdulhom "statements" bil-miktub, jagħmlu rapport liċ-Chief Government Medical Officer, li hu anki Chairman tal-imsemmi Board, u xi drabi jindikaw u jesprimu l-ġudizzju tagħhom; f'din l-investigazzjoni kienet tiġi eżaminata l-pożizzjoni sew tat-tabib kemm tal-persuna ndikata fiċ-ċertifikat, u anzi, fil-kliem tax-xhud Professur Joseph Galea, it-tabib dejjem jiġi a konjizzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa bħala "prima facie" akkużat (fol. 70). Irriżulta wkoll li l-Medical Board jiltaqa' u jieħu passi meta jkollu l-informazzjonijiet u l-provi kollha meħtieġa; u meta l-Board jiltaqa', il-Board ma joqgħodx fuq dawk il-provi u informazzjonijiet biss, imma, jekk ikun hemm bżonn, jattinġi informazzjonijiet anki band'oħra, mhux eskluż il-Kummissarju tal-Pulizija (fol. 45 tergo u 46 u 46 tergo);

Illi minn dan jidher li fil-prattika segwita fl-imgħoddi, anki in konnessjoni ma' ċertifikati ta' tobba, saru investigazzjonijiet preliminari. U dan huwa anki skond il-loġika; għaliex, kif fuq ingħad, il-Medical Board, biex jieħu l-inizjattiva u jiċċaqlaq, irid ikollu quddiemu l-provi u l-informazzjonijiet meħtieġa, b'mod li x-xogħol relattiv irid ikun ġa sar minn ħadd ieħor estraneu għal dak il-Board, li jista' jkun, kif ġie fuq aċċennat, anki l-korp tal-Pulizija;

Illi, barra minn dan, kif issottomettew il-konvenuti, l-investigazzjoni, barra milli tista' sservi biex jidħol in funżjoni l-Medical Board (ħaġa li s'issa ma saritx u li għad tista' ssir), jista' jkollha bħala oġġett tant proċediment amministrattiv, billi l-attur Dr. Fenech huwa mpjegat governattiv, kemm ukoll proċediment ta' indoli kriminali (art. 193(1) Kod. Pen.); u ma jistgħax ikun hemm dubju illi l-Pulizija għandha, skond l-art. 358 tal-istess Kodiċi, id-dmir, fost oħrajn, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi, u ġġib il-ħatjin, sew l-awturi kemm il-kompliċi, quddiem l-awtorità ġudizzjarja; liema dispożizzjoni ġiet interpretata bħala applikabbli għar-reati kollha in ġenerali (Kollez. XXXIV-IV-924);

Illi l-atturi jobbjettaw li l-art. 92(a) fuq riferit jikkostitwixxi liġi speċjali li abrogat virtwalment il-liġijiet l-oħra. Din l-obbjezzjoni, però, mhix sostenibbli; għaliex mhix konformi għall-prinċipji dwar l-abrogazzjoni taċita tal-liġi. Difatti, biex ikun hemm din l-abrogazzjoni, huwa meħtieġ li bejn il-liġi ta' qabel u l-liġi l-ġdida jkun hemm inkompatibbilità assoluta u formali, b'mod li l-applikazzjoni tal-liġi l-ġdida ma tkunx possibbli mingħajr ma tkun distrutta l-liġi ta' qabel, u fil-każ biss li, kif jinnota Halsbury, "the two statutes standing together would lead wholly to absurd consequences" (Statutes Vol. XXXI, para. 759, page 561 Hailsham Edition). Dan huwa wkoll l-insenjament tad-dottrina u tal-ġurisprudenza taljana (Ricci, Diritto Civile, Vol. I, para. 20; Digesto Italiano, voce Abrogazione delle Leggi, para. 55; Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Italiano, art. 5, Disp. Prelim., para. 51). U għalhekk l-abrogazzjoni ta' liġi ma għandhiex tkun preżunta, u jekk iż-żewġ liġijiet jistgħu jiġu konċiljati, iż-żewġ liġijiet għandhom jiġu kunsidrati bħala ugwalment in vigore, in forza tal-prinċipju li "posteriores leges ad priores pertinent nisi contrariae sint" (v. Pacifici Mazzoni, Istituz. Vol. I, para. 124, paġ, 285; Ricci., u Halsbury, op. ċit., para. 687, paġ. 527);

Illi, għalkemm l-art. 92(a) fuq riferit jittraċċja l-proċedura li għandha tiġi osservata f'każ, "inter alia", ta' ċertifi-

kat mediku li jkun "untrue, misleading or improper", din il-proċedura tista' twassal biss, fil-każ ta' ħtija, għat-tħassir tal-liċenza, għall-multa mhux anqas minn £10 u mhux aktar minn £50, jew għal xi miżuri dixxiplinari li jkunu xierqa; iżda din id-dispożizzjoni ma setgħetx żgur ikollha l-effett li tabroga, fost oħrajn, id-dispożizzjoni tal-art. 193 fuq ċitat, relattiv għall-għoti ta' dikjarazzjonijiet jew ċertifikati foloz. Del resto, milli jidher, din kienet ukoll il-fehma ta' min għamel dik il-liġi. Difatti, waqt id-diskussjoni ta' dik il-liġi, iċ-Chief Government Medical Officer, li tħabat sewwa biex il-liġi tgħaddi bħala garanzija ta' protezzjoni lill-klassi medika, kellu jistqarr illi "untrue certificates, speaking under the correction of the Attorney General, can be repressed even under the Common Law". U f'okkażjoni sussegwenti huwa rribadixxa dan il-konċett, meta qal illi "untrue and false certificates can be dealt with under the Common Law" (v. Debates of the Council of Government, seduti tat-30 ta' Novembru, 1943, paġ. 164, u tal-11 ta' Jannar 1944, paġ. 284);

Illi, konsegwentement, ladarba m'hemmx, almenu bejn l-artikolu 92(a) tal-Liġi Sanitarja u l-art. 358 tal-Kodiċi Kriminali, inkompatibbiltà formali u assoluta, il-pretiża abrogazzjoni mhix sostenibbli;

Illi għalhekk, "rebus sic stantibus", l-atturi ma rnexxielhomx jissostanzjaw l-illegalità tal-investigazzjoni minnhom pretiża;

Illi, fl-aħħarnett, mhux barra minn loku li tiġi sottolineata l-latitudini minn dejjem rikonoxxuta lill-Pulizija fix-xogħol tagħha delikat u gravuż tal-iskoperta u repressjoni tar-reati; u kif marret tesprimi ruħha l-Qorti Kriminali tal-Maestà tar-Reġina, "nel disimpegno di tale obbligo, che l'esperienza ha dimostrato ovunque altrettanto arduo quanto importante, deve essere riconosciuta alla forza pubblica una varietà e latitudine di mezzi e di metodi che trovan limitazione soltanto nelle disposizioni della legge e nello spirito che la informa" (Kollez. XXVII-IV-616). U dina l-

Qorti ma tħossx li għandha tinjora dan il-prinċipju, meta ma rriżultax li kien hemm kontravvenzjoni għall-liġi;

Rat in-nota tal-appell li biha l-atturi appellaw mis-sentenza fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 ta' Ġunju 1956;

Rat il-petizzjoni tal-atturi appellanti, li biha dawn talbu r-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija, u talbu l-isfilz tad-depożizzjoni mogħtija mill-Professur Dr. Joseph Galea u l-laqgħa tat-talba tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fuq it-talba għall-isfilz tad-depożizzjoni tal-Professur Galea, illi l-Prof. Galea ġie msejjaħ biex jixhed mill-atturi stess, u wara li xehed deherlu li kellu jżid u jispjega xi affarijiet li fuqhom kien xehed, u għalhekk ġie mressaq mill-konvenuti, u reġa' xehed. La fis-sejħin tiegħu, u lanqas fil-mod kif xehed, ma saret vjolazzjoni tal-liġi proċedurali. Għalkemm huwa semma xi filzi dipartimentali mingħajr ma pproduċa dawk il-filzi, b'daqshekk il-liġi proċedurali ma ġietċ ivvjolata; għax skond il-liġi stess, wieħed ma jistgħax jeżiġi l-produzzjoni ta' dokumenti dipartimentali tal-Gvern, kif f'dil-kawża stess iddeċidiet l-Ewwel Qorti b'digriet tad-9 ta' Ġunju 1956, li minnu lanqas ma sar appell. Il-Professur Galea seta' jixhed, seta', li ried, ma jixhedx fuq informazzjonijiet li kellu minn dokumenti dipartimentali tal-Gvern, u seta' liberament jirrofta li jeżibixxi dokumenti dipartimentali; għax il-liġi tagħtieħ dak id-dritt. B'daqshekk, ix-xhieda li ta f'dil-kawża tgħodd, u ma hemmx raġuni ġuridika biex tiġi sfilzata. U mbgħad, x'tiswa u ma tiswiex għall-konvinċiment tal-ġudikant, hija kwistjoni ta' kredibbilità; u xejn iżjed. Għaldaqstant il-Qorti, minn issa stess, tiċħad it-talba tal-atturi appellanti għall-isfilz tad-depożizzjoni tal-Professur Dr. Joseph Galea, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti;

Ikkunsidrat, fuq l-azzjoni tal-atturi bħala President, Viċi-President, Segretarju, Kaxxier, u membri rispettivi komponenti l-Kumitat tal-Medical Officers' Union;

Illi, kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-azzjoni tirrigwarda investigazzjoni li l-konvenuti nomine kienu qegħedin jagħmlu mhux fuq dak il-"Union" u kontra dak il-"Union" bħala tali, iżda fuq l-attur Dr. Albert Fenech personalment. Fl-investigazzjoni, il-"Union" ma kienet ġiet mdaħħla f'xejn, u bħala "Union", bl-investigazzjoni kollha u r-riżultat li seta' jkollha, din ma kienet la sejra titlef u lanqas tirbaħ drittijiet konkreti u definiti. Il-każ huwa divers ħafna minn dak deċiż minn dina l-Qorti fit-30 ta' Ġunju 1936 in re "Luigi Aveta ne. vs. Ignazio Pecorella", li ġie ċitat fit-trattazzjoni ta' dil-kawża; għax dak il-każ kien preċiżament jirrigwarda l-pretensjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet tal-Għaqda "qua" għaqda; u allura l-Għaqda, rappreżentata mid-delegat leġittmu tagħha, kienet investita bl-azzjoni biex tittutela l-interess konkret u soġġettiv tagħha. Huwa veru li wieħed mill-iskopi tal-"Union" huwa dak "to uphold the interests of Government Medical Officers enjoying private practice" (fol. 92), iżda dan ma jwassalx għall-ħsieb ta' azzjoni biex il-"Union" tipproċedi ġudizzjarjament fl-interess ta' membru individwali kull meta dan ikollu xi interess x'jittutela, għax altrimenti dan kien iwassal għar-rappreżentanza f'ġudizzju ta' min ma jkunx assenti u lanqas ma jkun inkapaċi li jaġixxi personalment; u dana l-liġi ma tammettiehx;

Huwa veru li l-"Union" għandha ċertu nteress fil-kwistjoni; iżda dan l-interess huwa teoriku għaliha, bħal ma kwalunkwe kwistjoni li tinqala' bejn bniedem u ieħor tista' tinteressa lil kull min ikun ta' dik il-kategorija tagħhom, in kwantu ġurnata tista' tinqala' l-istess kwistjoni rigward l-oħrajn; b'dana ma jinħoloqx għalihom l-interess ġuridiku li jilleġittima l-azzjoni, għax l-interess ġuridiku jrid ikun definit, konkret, personali, u għalhekk bażat fuq dritt soġġettiv li attwalment min jaġixxi jkollu bżonn tat-tutela ġudizzjarja tiegħu. L-interess ġeneriku tal-"Union" għal

fatt ġuridiku tal-membri individwali tagħha mhux biżżejjed biex jirradika l-azzjoni fil-"Union"; u għalhekk sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti, li ddiskonoxxiet lill-atturi nomine l-azzjoni li ntentaw f'dil-kawża; u għaldaqstant l-appell tagħhom ma jistgħax jiġi milqugħ;

Ikkunsidrat, fuq l-appell ta' Dr. Albert Fenech personalment;

Illi l-appellant jippretendi li l-investigazzjoni "de qua" ma tetgħetx issir, għax kompetenti kien biss il-Medical Board, skond l-art. 77(a) tal-Ordinanza XVII tal-1901 (Kap. 51 tal-LL.), kif emendata bl-Ordinanza I tal-1944. Skond dina l-liġi, "jekk xi tabib, dentist, tabib veterinarju, jew xi bniedem ieħor bil-liċenza li jħaddem il-professjoni tiegħu maħruġa taħt id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jinsab, wara li ssir, bil-bibien magħluqin, stħarriġa mill-Board tat-Tobba kif jingħad hawnhekk iżjed il-quddiem, li huwa ffirma jew ħareġ, f'ismu u bl-awtorità tiegħu u bħala professjonista, xi ċertifikat, notifika, rapport, jew dokument ta' din ix-xorta, li jkun mhux minnu jew qarrieqi, jew mhux xieraq, il-Gvernatur jista', fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Board tat-Tobba, jekk ma jkunx sar appell kif imsemmi hawn iżjed il-quddiem, (a) iħassar il-liċenza maħruġa lil dak il-bniedem, jew (b) iwaħħlu piena ta' flus ta' mhux inqas minn £10 imma mhux iżjed minn £50, u, jew inkella, minflok hekk, (c) joħroġ dawk l-ordnijiet dixxiplinari kontra dak il-bniedem illi, fil-fehma tal-Gvernatur, ikun jistħoqqlu. Il-Gvernatur jista', f'kull żmien, wara li jisma' l-fehma tal-Board tat-Tobba, joħroġ liċenza ġdida minflok dik li jkun ħassar". F'dik l-Ordinanza l-liġi tistabbilixxi l-proċedura u d-dritt tal-appell mid-deċiżjoni tal-Board tat-Tobba;

Dana jfisser li, sabiex kontra tabib tittieħed xi waħda mill-miżuri kontemplati f'dak l-art. 77(a) ta' dik l-Ordinanza, jeħtieġ neċessarjament issir stħarriġa "bil-bibien magħluqin" mill-Board tat-Tobba, bil-mod preskritt f'dik l-Ordinanza I tal-1944. Kull xorta ta' stħarriġa oħra, magħmula minn min magħmula, jew magħmula mhux bil-mod pres-

kritt minn dik l-Ordinanza, ma tista' qatt twassal għat-teħid tal-miżuri msemmijin f'dak l-art. 77(a) fuq imsemmi. Għal dak il-fini, kull liġi u regolament ieħor inkompatibbli mal-art. 77(a) li ssemma, huma virtwalment abrogati. Iżda dana ma jfisserx li l-Pulizija ma tistgħax tagħmel investigazzjoni għal xi skop leġittimu ieħor, jew li l-Gvern ma jistgħax, per mezz ta' inkjesta, jaċċerta ruħu minn xi fatti ta' interess publiku għall-amministrazzjoni, biex jirregola ruħu fuq kif għandu jimxi rigward tagħhom u rigward xi impjegati tiegħu. Dina l-fakoltà ma ġietċ minsusa mill-Ordinanza fuq imsemmija, ħlief għall-finijiet tat-teħid tal-miżuri fuq imsemmija, li huma ċertament miżuri dixxiplinari tal-professjoni. L-esklużiva kompetenza tal-Board tat-Tobba ġiet attribwita biss għall-iskop imsemmi f'dik id-dispożizzjoni tal-liġi; u xejn iżjed. Kif sewwa ġie osservat mill-appellanti, il-Gvern jista' jkollu nteress jinvestiga l-fatti għal skopi oħrajn leġittmi; u l-Pulizija tista', anzi għandha id-dmir, li tinvestiga sewwa l-fatti, meta dawn jistgħu jinteressaw ukoll il-Kodiċi Kriminali;

Fil-każ in eżami tal-appellanti, l-investigazzjoni ċertament ma tiswiex għall-finijiet tal-Ordinanza I tal-1944; iżda b'daqshekk mhix illegali, għax ebda liġi ma tivvjetaha, lanqas indirettament, speċjalment meta tirrigwarda l-kondotta ta' l-impjegati publiċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, li huma mħaddna, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

---